**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 2 - IL-ĠIMGĦA 19 TA' LULJU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Skużati | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* inkluż fuq il-paġna ta' *Facebook*.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejls mingħand il-Kunsillieri Mark Anthony Deguara u Gaffiero li taw raġuni għalfejn ma setgħux jattendu. Il-Kunsill kien infurmat bir-raġuni u qies din bħala ġustifikata.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-ewwel laqgħa.

2.2 Il-minuti ġew approvati wara proposta mill-Kunsillier Cuomo, issekondant mil-Viċi Sindku. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Fl-4 ta' Lulju sar *Business Breakfast* bl-isem *Europe for Citizens 2014-2020* fejn attendew is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Gaffiero, is-SE u Yanika Borg.

3.2 Is-Sindku kellha laqgħa mar-Reġjun Tramuntana fl-10 ta' Lulju. Is-Sindku talbet lis-SE biex jibgħat il-minuti lill-Kunsillieri.

3.3 Fil-11 ta' Lulju saret stedina lill-Kunsillieri l-ġodda mingħand il-Victory Band Club. Għaliha attendew is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Brincat, Spiteri u Gaffiero

3.4 Il-Kunsill kien mistieden għal laqgħa ta' diskussjoni mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali s-Sur Mario Fava nhar is-16 ta' Lulju. Għal-laqgħa attendew is-Sindku, is-SE u l-Kunsillieri Brincat, Cuomo, Spiteri u Gaffiero.

3.5 Il-kuntrattur tal-ġonna l-ELC waqaf milli jieħu ħsieb il-ġonna tal-lokalità wara li skada l-kuntratt. Il-Kunsill talab għal kwotazzjonijiet u rriżulta li Mark Taliana Gardening kien l-irħas offerta. Il-Kunsill għamel talba lill-Ministru sabiex tinħareġ ordni diretta sakemm is-sejħa tal-offerti tiġi mogħtija.

3.6 Saret laqgħa ma' Dr. Roberta Lepre tal-Weave Consultant fejn għamlet proposta biex tikkollabora mal-Kunsill fuq proġetti għan-negozji.

3.7 Saret quddiesa ta' ringrazzjament tal-Kunsill il-ġdid fit-30 ta' Ġunju. Għall-quddiesa attendew is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Brincat, Gatt, Gaffiero u Abela. Sar ringrazzjament lill-Arċipriet u l-Kunsillier Gaffiero li ħareġ bl-idea.

3.8 Is-Sindku attendiet laqgħa tal-Bord tal-Ippjanar dwar PA3387/14 fit-18 ta' Lulju, fejn ġiet oġġezzjonata *Petrol Station* tal-Magħtab. Il-Permess ġie rifjutat b'vot unanimu li jinkludi l-vot tal-Kunsill.

3.9 Kien hemm proposta minn Naxxar Youth Nursery biex issir attività sportiva konġunta mal-Kunsill f'Settembru. Din għandha tiġi diskussa mill-kumitat tal-finanzi flimkien mal-Kunsillier responsabbli.

3.10 Is-Sur Paul Catania offra żewġ (2) kotba miktuba minnu għal-librerija.

3.11 Saru sessjonijiet ta' taħriġ għall-istaff tal-Kunsill. Dawn kienu *Public Procurement Training* u *Project Europe for Citizens.* Is-SE attenda għall-kors dwar *Good Governance.*

3.12 Il-Kunsill Lokali rċieva ittra dwar għotja li mistenni jieħu ta' €10,052.64 għall-kultura mill-fond tal-LESA.

3.13 Is-SE bgħat informazzjoni rigward *Clean Up The World* sabiex jipparteċipaw.

3.14 Il-Kunsill kellu stedina għal żjara fi Strumyani f'Ottubru 2019. Għal din iż-żjara se jattendu s-Sindku, s-SE, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier responsabbli mill-Kultura.

3.15 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-proġett Admin4All tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'A, kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet annessi f'B u Ċ rispettivament. Dan wara proposta mill-Kunsillier Cuomo, issekondata mill-Viċi Sindku.

## 6. PJAN TA' ĦIDMA / LAQGĦA PUBBLIKA

6.1 Is-SE qara l-abbozz tal-Pjan ta' Ħidma għall-ħames snin li ġejjin li kien ħejja a bażi ta' dak li jidher li kienu x-xewqat tal-Kunsillieri.

6.2 Is-SE fakkar li fl-ewwel tliet (3) xhur tal-ħidma tal-Kunsill trid issir laqgħa pubblika. Dwar din il-Kunsill kellu obbligu li jinforma lir-residenti permezz ta' flyer f'kull dar.

6.3 Is-SE rrakkomanda lill-Kunsill li tali laqgħa ssir differenti mis-soltu bil-ħsieb li jkun hemm parteċipazzjoni akbar.

6.4 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika tinżamm fi 27 ta' Settembru fis-7.00pm fis-sala tal-Kunsill u fiha jkun hemm boards bil-pjanijiet tal-Kunsill u kull Kunsillier ikun jista' jiddiskuti mar-residenti dwar is-settur tiegħu. Imbagħad ikun hemm il-laqgħa fejn fiha jiġu ppreżentati s-suġġerimenti.

6.5 Kien hemm qbil ukoll li f'dik il-ġimgħa ssir wirja artistika.

## 7. ASSENJAR TA' RESPONSABBILTAJIET

7.1 Is-Sindku ippreżentat il-lista ta' responsabbiltajiet lill-kunsillieri preżenti.

7.2 Il-lista sħiħa tar-responsabbiltajiet kif assenjati mis-Sindku hija annessa f'E.

## 8. ĦATRA TA' KUMITATI/SOTTOKUMITATI TAL-FINANZI, EVALWAZZJONI TAL-OFFERTI, TALBIET U LMENTI, GĦAŻLA GĦAL IMPJEGATI MAL-KUNSILL

8.1 Il-Kunsill ħatar il-kumitat tal-finanzi magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Brincat.

8.2 Kien maħtur bord tal-evalwazzjoni tal-offerti li possibilment ikun magħmul kollu minn nies tekniċi iżda għalissa jkun magħmul mis-Sindku, l-avukat, l-accountant u esperti oħra.

8.3 Is-Sottokumitat tat-talbiet u lmenti se jkunu magħmul mis-Sindku, l-Kunsillieri Brincat u Spiteri. Kien iċċarat li f'dan il-kumitat ma jipparteċipawx Kunsillieri iżda fejn ikun il-każ, kunsillier jista' jintalab il-kummenti tiegħu li jiġu ppreżentati bil-kitba waqt laqgħa tas-sottokumitat.

8.4 Il-Bord tal-Għażla għall-impjegati mal-Kunsill se jkun magħmul mis-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillieri Cuomo u Gatt.

## 9. MOZZJONI DWAR L-INDAFA

9.1 Il-Kunsillier Brincat ressaq mozzjoni li kienet issekondata mis-Sindku u mill-Kunsillier Gatt.

*9.2* F'dan il-ħin is-Sindku rċiviet kwotazzjoni permess ta' sms mingħand il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart. Il-Kwotazzjoni għal żieda ta' żewġ trakkijiet żgħar li jintuża fil-ġranet li jinġabar skart organiku kienet ta' €280 *excl. VAT.*

9.3 Il-mozzjoni kienet approvata nem con u kopja ta' din ir-riżoluzzjoni hija annessa f'F.

## 10. IL-KTIEB VIVA L-VITORJA

10.1 Is-SE informa li bħalissa l-Kunsill għandu mas-600 kopja tal-ktieb Viva l-Vitorja u li dan mhux qiegħed jinxtara. Apparti li qiegħed jutilizza wisq spazju, wara li għaddew tant snin mill-pubblikazzjoni issa tista' tgħid li skada.

10.2 Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa pubblika jitqassam ktieb b'xejn lil kull min jiġi u l-kumplament jitqassmu f'attivitajiet oħra bħal Jum in-Naxxar. Wara dan il-Kunsill jiddeċiedi x'jagħmel b'dawk li jibqa' jekk ikun il-każ.

## 11. RAPPREŻENTANZA FUQ IL-MAJJISTRAL ACTION GROUP FOUNDATION (MAGF)

11.1 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Cuomo tkun ir-rappreżentanta tal-Kunsill fuq il-MAGF.

11.2 Il-Kunsilliera Cuomo attendiet għal laqgħa fejn qalet li se terġa tinħareġ sejħa ta' Measure 4. Is-sejħa se tkun waħda għall-attivitajiet, infrastruttura u infrastruttura Minuri.

11.3 Il-Laqgħa li jmiss se ssir f'Settembru.

## 12. SKEMA DWAR INIZJATTIVI DWAR TRASPORT SOSTENIBBLI

12.1 Il-Kunsilli kienu notifikati dwar skema dwar trasport sostenibbli li l-ewwel premju hu dak ta' €50,000 filwaqt it-tieni premju hu dak ta' €30,000.

12.2 Sabiex il-Kunsill japplika għal din skema tirrekjedi ħafna ħsieb b'saħħitha.

12.3 Il-Kunsillier Gatt se jiddiskuti mas-SE biex possibilment issir l-applikazzjoni.

## 13. SKEMA FINANZJARJA – ŻVILUPP TA' LIBRERIJI LOKALI

13.1 Dwar dan kien hemm approvazzjoni mill-Kunsill sabiex jipparteċipa.

## 14. SKEMA FINANZJARJA – KORSIJIET TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

14.1 Dwar dan kien hemm approvazzjoni mill-Kunsill sabiex jipparteċipa.

## 15. RAPPORT TAL-EVALWAZZJONI – RESTAWR TAL-MITĦNA

15.1 Il-Kunsill approva r-Rapport tal-Evalwazzjoni.

## 16. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

16.1 Il-Kunsill qabel li l-lagħat (aparti t'Awwissu) jibdew isiru nhar t'Erbgħa u jibdew fis-5.45pm. Il-Laqgħa li jmiss però se ssir fit-13 ta' Awwissu 2019 fis-5.45pm.

16.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**